



12.1.2015

0001/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħela tal-ikel

**Giovanni La Via (PPE), Richard Ashworth (ECR), Pilar Ayuso (PPE),
Simona Bonafè (S&D), Michel Dantin (PPE), Paolo De Castro (S&D),
Albert Deß (PPE), Gerben-Jan Gerbrandy (ALDE), Martin Häusling
(Verts/ALE), Kateřina Konečná (GUE/NGL), Mairead McGuinness
(PPE), James Nicholson (ECR), Czesław Adam Siekierski (PPE)**

Data ta' skadenza: 12.4.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar submitted under Rule 136 of the Rules of Procedure¹

1. Filwaqt li 122 miljun ċittadin tal-UE qegħdin f'riskju ta' faqar, aktar minn 100 miljun tunellata ta' ikel kull sena jinħlew fl-UE. Dan l-ammont ta' ikel jista' jsolvi l-problema tal-ġuħ fid-dinja.
2. Kull tunellata ta' ikel evitata milli tinħela tista' tiffranka l-ekwivalenti ta' 4.2 tunellata ta' CO₂ u tnaqqas l-użu ta' riżorsi naturali-
3. It-tema tal-Expo 2015 hija 'Ikel għall-Pjaneta, Enerġija għall-Ħajja'.
4. Il-Kummissjoni hija mħeġġa tinkoraġixxi lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra l-ħela tal-ikel f'kull livell tal-katina alimentari, mill-produzzjoni sal-konsum.
5. Il-Kummissjoni hija mitluba tiftaħ djalogu mal-partijiet ikkonċernati sabiex tiżgura li l-ikel li baqa' ma nbiegħx u li jkun għadu tajjeb għall-konsum jiġi offrut lill-organizzazzjonijiet tal-karità.
6. Fid-19 ta' Jannar 2012, il-Parlament adotta riżoluzzjoni fuq 'kif nevitaw il-ħela tal-ikel: strateġiji għal katina tal-ikel aktar effiċjenti fl-UE'².
7. Il-Kummissjoni hija b'hekk imsejħa tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jedukaw liċ-ċittadini, jippromwovu l-aħjar prattiki, jagħmlu analiżi u jibdew kampanji soċjali fuq il-ħela tal-ikel.
8. Il-Kummissjoni qeda tiġi mistiedna wkoll tiddikjara l-2016 bħala s-Sena Ewropea kontra l-ħela tal-ikel.
9. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.

² ĠU C 227 E, 6.8.2013, p. 25.